MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2011

Avviz Numru. 40/2011

**George Grima ID No 297562(M)**

**Vs**

**Dr Patrick Valentino nominat bhala kuratur deputat biex jirraprezenta l-assenti Carmel sive Charlot Gauci ID No 421770(M) skond digriet tal-10 t' Ottubru 2011**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih r-rikorrenti talab sabiex l-intimat nomine jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess rikorrenti s-somma ta' hdax il-elf euro (Euro 11,000) rapprezentanti depozitu u bejgh ta' oggetti mobbli liema intimate ha l-flus, telaq minn Malta u lanqas ikkonsenja c-cavetta tal-fond mikri, lill-esponenti u lanqas tah l-oggetti mobbli.

Bl-ispejjes kontra l-initmat li gie ngunt ghas-subizzjoni u l-imghax mill-gurnata li sar il-hlas.

Rat l-imsemmi digriet moghti fl-10 ta’ Ottubru 2011 (a fol 2 ibid) kif ukoll in-nota annessa mal-atti a fol 3.

Rat ir-risposta tal-intimat nomine (fol 12 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Ili f’dan l-istadju huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza, pero jirriserva illi jippresenta risposta ulterjuri, fl-eventwalita’ illil jirnexxielu jottjeni informazzjoni dwar il-kaz.

Rat dak verbalizzat a fol 13 ibid.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi r-rikorrenti, permezz ta’ ‘affidavit’ u diversi dokumenti anness mieghu (fol 16 sa 31 ibid) spjega illi hu kien kera minghand Carmel sive Charlot Gauci il-post f’36, Fra Diegu, fil-Hamrun skond il-pattijiet u kondizzjonijiet miftehma kif jidher mill-anness ftehim a fol 25 u fol 26 ibid. In konnessjoni ma’ dan il-ftehim, ir-rikorrenti kien hallas is-somma ta’ €10,000 prezz ta’ miljoramenti kif ukoll €1000 ammontanti ghal hames snin kera dovut bil-quddiem. Jidher li kien hemm ftehim verbali illi l-intimat jinghata zmien gimgha sabiex hu jkun jista’ jiehu xi oggetti u mobbli mill-istess post. Izda ir-rikorrenti lanqas inghata c-cavetta tal-post u filfatt hu kien skopra li l-intimat kien mar jirrisjedi x’imkien fl-Ingilterra. Filfatt ir-rikorrenti qatt ma seta’ jidhol fil-post.

Illi l-intimat nomine ma gab ebda prova sabiex jindika x’raguni jista jkollu sabiex ma jkunx obbligat li jirrifondi s-somma in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-intimat fil-kwalita tieghu premessa sabiex jhallas lir-rikorrenti s-somma ta’ €11,000 bl-imghax legali

mit-8 ta' Frar 2011, trattasi ta' kaz ta' natura civili, sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha ta' din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------